# 53. Fuq Qabar Oħti

Kull sena fir-rebbiegħa nasal s'Għawdex,
u niġi nżur il-qabar ċkejken tiegħek,
wis-sardinella li ħawwilt bil-għożża
fuqu żmien ilu.

Kull sena niġi w fuq ix-xitla ċkejkna
insib kull darba fergħa ħadra ġdida
u warda ħamranija b'qatra nida
tilma fuq fommha.

Inħares lejn ix-xitla w lejn il-qabar,
u f'dak is-skiet inġib quddiem għajnejja
iż-żmien ta' meta konna tfal f'dar ommna
hemm ġewwa l-Qala.

U waqt li nħares fuq ta' qalbi x-xitla
tat-tifkiriet tinbet tifkira ġdida,
b'warda ta' swied il-qalb fejn tilma demgħa
minn ħbub għajnejja.